*Qassis u patrijott*

# Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra

## *San Ġużepp u l-Ħamrun*



**Joe C. Cordina**



*Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra.*

Sa kważi minn meta ġie stabbilit bħala l-Hamrun, f'dan is-subborg li kien għadu zona miftuħa ħafna mdawra b'għelieqi u ġonna kbar, bdew jinbtu fih għadd ta' istituti ta' għajnuna soċjali l-iktar għat-tfal iltiema u oħrajn, li f'dawk iż-żminijiet bikrin ma kienx hemm minn jieħu ħsiebhom. U l-anqas kien hemm l-għajnuniet soċjali minn naħa tal-awtoritajiet ċivili kif għandna llum anzi dawn l-istituti kien jinħtieġilhom jittalbu biex ikollhom il-ħtiġijiet li kien ikollhom bżonn u għalhekk kienu jibbażaw it-tmexxija tagħhom fuq il-providenza t'Alla. Minħabba f'hekk ukoll dawn l-istituti kienu jitqiesu xempju tal-fidi u t-twemmin fil-providenza t'Alla – virtù abbinata wkoll mal-qaddis patrun ta' dan is-subborg, San Gejtanu Thiene li hu magħruf proprju bħala l-qaddis tal-providenza.

Ta' min isemmi li wħud mill-erwieħ twajba li kienu fundaturi jew diretturi ta' dawn l-istituti u orfanatrofji fil-Hamrun, huma tant meqjusa bħala erwieħ tajba li nistgħu ngħidu li qiegħdin fil-queue wara l-ewwel qaddis Malti San Ġorġ Preca biex anke huma jsiru qaddisin. Fost dawn isibu lil Fra Diego Bonanno, Adelaide Cini u Monsinjur Giuseppe De Piro. Però hemm oħrajn li għalkemm ma' waqfux istituti proprja għall-orfni, waqqfu għaqdiet u skejjel biex anke jieħdu ħsieb it-tfal tal-fqar u fost dawn insibu lil Madre Tereza Nuzzo li waqqfet kongregazzjoni ta' sorijiet fil-Hamrun fejn tinsab midfuna. Semmejna lil San Ġorġ Preca li għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu fil-Hamrun u hu midfun hawn ukoll, li lkoll kemm aħna nafu bil-ġid li għamel għal dak li hu tagħlim tad-duttrina nisranija u kemm ġabar tfal u rawwimhom fil-ħajja t-tajba.

Imma t-titlu ta' din il-kitba hu dwar Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra u l-konnessjonijiet tiegħu ma' San Gejtanu, San Ġużepp u mal-Hamrun u għalhekk se nikkonċentraw fuq dan il-personaġġ li nistgħu ngħidu kien koloss tal-għajnuna lejn il-proxxmu. Nistgħu nibdew biex ngħidu li anke bejn Mons. De Piro u San Gejtanu hemm xebh kbir għal dak li hu pastorali soċjali. San Gejtanu tul ħajtu stinka kemm felaħ biex jgħin lill-batut u lill-fqir u waqqaf istituzzjonijiet għal dan il-għan u waqqaf ukoll kongregazzjoni ta' saċerdoti biex tkun tista' tkompli twettaq il-ħidma tiegħu. Monsinjur Ġużeppi De Piro wkoll bħal San Gejtanu stinka biex jgħin lill-batut u lill-fqir tant li

ħaseb sew biex ikun ta' għajnuna kbira għall-Maltin li kellhom bżonn għajnuna soċjali, speċjalment tfal iltiema u abbandunati. Kien jistinka biex jitlob għajnuna finanzjarja u mod ieħor biex ikun jista' jgħin lill-fqir u lill-batut. Dan iż-żelu malajr ġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u mill-ewwel tawh l-inkarigu li jmexxi istituti kbar tal-karità f'Malta. Minn naħa tiegħu hu stess kien waqqaf istitut simili f'Għawdex, l-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. Imma barra minn hekk, bħal San Gejtanu wkoll, ħaseb li jwaqqaf kongregazzjoni ta' qassisin biex ikomplu l-ħidma tiegħu fost it-tfal iltiema u abbandunati. Anzi mar iktar minn hekk għax meta ħoloq din il-kongregazzjoni Monsinjur De Piro poġġielha bħala li l-għan tagħha kien li tipprovdi l-ħtiġijiet spiritwali għall-Maltin emigranti fil-pajjiżi li kienu emigraw fihom. Mhux biss, imma kien kiteb li kellha l-għan ukoll li 'l quddiem tkun tista' tibgħat missjunarji f'artijiet imbegħda. Anke l-kongregazzjoni li kien waqqaf San Gejtanu bdiet tmur tipprietka l-kelma t'Alla f'artijiet imbegħda .

Xebh ieħor bejn San Gejtanu u Mons De Piro kien id-devozzjoni li t-tnejn kellhom lejn San Ġużepp. Li Mons De Piro kien devot kbir ta' San Ġużepp, il-qaddis li jġib ismu, jixhduh in-nies li kienu jafu lilu u lill-familja tiegħu. Ir-Rabtin li kienu midħla tal-akwata fejn hemm is-Santwarju ta' San Ġużepp magħruf bħala l-Knisja ta' Ġiesu, ir-Rabat, immexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri, kienu draw jarawhom jiffrekwentaw dan is-Santwarju ta' San Ġużepp. Mhux biss imma wħud minnhom kienu anke membri tal-Konfraternità ta' San Ġużepp u kienu jieħdu sehem fil-purċissjonijiet. Min kien midħla sew ta' Mons. De Piro nnifsu kien jaf li fuq l-iskrivanija kien ikollu dejjem l-istatwa ta' San Ġużepp anzi kienu jinnutaw ukoll li kien ipoġġi din l-istatwa wiċċha lejn il-ħajt u meta xi ħadd kien jazzarda jistaqsih għaliex kien jagħmel dan, hu kien pront iwieġbu li kien jagħmel hekk ħalli San Ġużepp jaqlalu l-grazzja li kien ikollu bżonn. Meta Mons. De Piro kien ħa f'idejh it-tmexxija tal-Istitut ta' San Ġużepp fil-Hamrun kien ħa ħsieb li jkabbar id-devozzjoni lejn dan il-qaddis tant li anke kien jagħmel festa kbira fl-Istitut u kien jistieden għaliha lill-benefatturi kollha u lill-pubbliku. Din it-tradizzjoni baqgħet tinżamm matul iż-żmien.

Anke meta fl-1925 fetaħ istitut għat-tfal iltiema f'Għajnsielem Għawdex Mons. De Piro iddedikah u tah l-isem tal-Istitut ta' San Ġużepp u anke l-kappella tiegħu ddedika lil dan il-qaddis. Fl-istess ħin hu ta struzzjonijiet biex fuq il-ħajt ta' barra tal-istitut jitwaħħal bassoriljev bix-xbiha ta' San Ġużepp ħalli kull min jgħaddi minn dik it-triq ikun jista' jagħtiha qima.

Mons. Ġużeppi De Piro twieled l-Imdina fit-2 ta' Novembru tal-1877, f'dar kważi bieb ma' bieb mal-katidral. Missieru kien il-Markiż Alessandro De Piro D'Amico Inguanez Navarra u ommu Ursula Agius Caruana li kienet ukoll ġejja minn familja nobbli. Għal dik li hi edukazzjoni Ġużeppi ġie mgħallem minn għalliema mqabbdin apposta mill-familja, kif kienet l-użanza fost il-familji nobbli ta' dak iż-żmien. Ma' dan it-tagħlim Ġużeppi fuq xewqa t'ommu, ingħata tagħlim ukoll dwar is-sengħa ta' landier għax hi kienet tal-fehma li x-xogħol manwali ma jbaxxix lill-bniedem u l-idea kienet li Ġużeppi jitrawwem ukoll fil-valuri tal-ħajja. Din l-idea t'ommu kellha tgħinu iktar 'il quddiem biex jifhem lin-nies, ikun jaf it-tbatijiet u l-ħtiġijiet tagħhom u jkun jista' jgħinhom biex jgħixu aħjar.

Hekk kif beda jikber Ġużeppi daħal il-Liċeo u mbagħad l-Università Rjali ta' Malta, fil-Fakultà tal-Arti u x-Xjenzi bil-ħsieb li jilħaq avukat. Però f'dan iż-żmien l-awtoritajiet ċivili kienu għamlu sejħa lil ulied in-nobbli biex jidħlu fl-armata u Ġużeppi daħal bħala suldat fir-Royal Malta Militia fejn dam tliet snin u nofs u ċ-ċertifikati juru li matul dan iż-żmien qeda dmiru bl-unuri kollha.

Wara li ħalla l-armata, Ġużeppi reġa' lura fl-università biex ikompli l-kors tal-liġi. Kien waqt dan iż-żmien li beda jħoss il-ġibda lejn il-vokazzjoni ta' saċerdot u nhar it-8 ta' Mejju 1898 meta kien mal-istudenti sħabu biex jattendu għas-Supplika tal-Madonna ta' Pompei fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt, hu ħass xi ħaġa tqanqlu b'qawwa spiritwali li bdiet tħeġġu għall-ħsieb tiegħu li jsegwi vokazzjoni saċerdotali. Hekk kif din il-ġibda kompliet tagħfas fuqu Ġużeppi stqarr dan kollu ma' ommu li sostnietu bl-inkoraġġiment tagħha tant li iddeċieda li jibda din it-triq.

Għal dan il-għan daħal student fl-Almo Collegio Capracinense f'Ruma fil-5 ta' Settembru 1898. Erba' snin wara fil-15 ta' Marzu 1902 Ġużeppi De Piro ġie ordnat saċerdot fil-Bażilika ta' San Ġwann Lateran. Wara l-ordinazzjoni tiegħu Dun Ġużepp De Piro kien beħsiebu jkompli javvanza fl-istudji imma ġara li marad u kellu jmur f'Davos l-Iżvizzera biex jirkupra saħħtu. Wara sentejn reġa' lura Malta mfejjaq u ntbagħat jaħdem fil-parroċċa ta' Santa Marija fil-Qrendi. Però wara ftit l-Arċisqof Mons. Pietro Pace ħatru Direttur tal-Istitut ta' Fra Diegu fil-Ħamrun. Min hawn bdiet il-konnessjoni ta' Mons. De Piro Navarra mal-Ħamrun għax mat-tmexxija ta' dan l-istitut, ftit wara l-Arċisqof ħatru wkoll direttur tal-Istitut ta' San Ġużepp fil-Ħamrun u Direttur tal-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun u anke kien ngħata r-responsabbiltà tad-Dar ta' San Franġisk de Paola f'Birkirkara. Fl-istess waqt l-Isqof t'Għawdex kien talbu biex ikun l-ewwel direttur tad-Dar ta' San Ġużepp f'Għajnsielem.

Sadanittant Dun Ġużepp De Piro ġie maħtur Monsinjur Koadjutur tad-Dekan tal-Katidral, kariga li ma riedx u aċċetta biss meta l-Isqof stess ordnalu biex jagħmel hekk. Fost dawn il-ħidmiet kollha Mons. De Piro Navarra kien isegwi sew il-ħidma soċjo-pastorali tiegħu fost l-iltiema u fost in-nies li kellhom bżonn l-għajnuna tiegħu. Kien bniedem ta' ideat u inizjattivi u dejjem moħħu biex jara x'jivvinta biex jgħin lill-proxxmu. Kien żmien fejn kien hawn il-faqar u n-nies kienu jsibuha bi tqila biex isibu xogħol li jkollu ħlas biżżejjed biex ikunu jistgħu jgħinu l-familja.



*Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra flimkien mal-ewwel membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.*

Għalhekk bosta kienu qed iħossu l-bżonn li jsiefru u jmorru jfittxu x-xogħol barra minn Malta. Bosta Maltin bdew jemigraw lejn l-Awstralja, l-Amerika u l-Kanada u wara li jsibu xogħol tajjeb kienu jibgħatu għall-mara u t-tfal biex jemigraw f'dawn il-pajjiżi. Dan kollu kien f'moħħ Mons. Ġużeppi De Piro u ta' saċerdot li kien beda jħoss il-bżonn li dawn l-emigranti Maltin ikollhom min jieħu ħsieb tal-bżonnijiet spiritwali tagħhom u fl-istess ħin anke l-ħtiġijiet soċjali li kienu jiltaqgħu magħhom. Meta ġieħ il-ħsieb li jwaqqaf kongregazzjoni ta' qassisin biex imorru f'dawn l-artijiet biex jieħdu ħsieb lill-emigranti Maltin.

Hu tkellem dwar dan il-ħsieb mal-awtoritajiet konċernati u wara kuntatti, stinkar u talb f'Jannar tal-1910, il-Papa Piju X bierek il-ħsieb ta' Mons. De Piro li jwaqqaf din il-kongregazzjoni li bdiet tissejjah is-Soċjetà ta' San Pawl. Fit-12 ta' Ġunju tal-istess sena l-Arċisqof Pietro Pace bierek l-ewwel dar tas-Soċjetà.

Fl-1915 Mons. De Piro ġie maħtur Segretarju tal-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mauru Caruana u tliet snin wara nħatar ukoll bħala rettur tas-Seminarju Maġġuri tal-Imdina. Barra minn dawn il-karigi ekkleżjastiċi, Mons. De Piro ġie wkoll maħtur senatur fil-Parlament Malti bħala rappreżentant tal-Kleru Djoċesan fejn stinka u ta s-sehem tiegħu biex ma tgħaddix ta' Lord Strickland li kien qiegħed jagħmel minn kollox biex fil-Parlament Malti ma' jkunx hemm rappreżentanti tal-Kleru.

Fl-1919 kien fost il-mexxejja Maltin li għenu biex tinżamm il-kalma fl-inkwiet tal-ġrajja tas-Sette Giugno u meta fl-1921 Malta ngħatat Kostituzzjoni ġdida mill-Gvern Ingliż, Mons. De Piro kien ta s-sehem tiegħu fl-Assemblea Nazzjonali. Sadanittant, sena qabel kien laħaq Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Fl-1930 Mons. De Piro wettaq ħidma ta' medjazzjoni bejn il-Knisja u Lord Strickland u bejn l-1932 u l-1933 kien Senatur fit-tielet Parlament Malti.

Peress li l-membri li bdew jidħlu fis-Soċjetà ta' San Pawl, Mons. De Piro beda jibgħathom jaħdmu fl-Istitut ta' San Ġużepp mat-tfal orfni u abbandunati il-konnessjoni



*Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra (it-tielet mil-lemin) jirrappreżenta l-Kapitlu Metropolitan fl-Assemblea Nazzjonali.*

ta' Mons. De Piro mal-Hamrun kibret sew. Imma l-aħħar konnessjoni li kellu mal-Hamrun kienet propju l-mewt tiegħu stess meta waqt li kien qed jagħti l-Barka Sagramentali fil-Knisja ta' San Gejtanu fil-Hamrun tah ħass ħażin li ma stejqerx minnu. Kien is-17 ta' Settembru 1933 u fil-knisja ta' San Gejtanu kien qed isir l-għeluq tal-festa tad-Duluri. Kien ġara li Mons. De Piro Navarra li kif għidna kien imdaħħal sew fil-Hamrun l-aktar permezz tal-Istitut ta' San Ġużepp u l-Istitut ta' Fra Diegu, kellu ħbiberija kbira mal-Kappillan Dun Gejt Mifsud. Peress li kien marid. Dun Gejt kien bagħat għalih u talbu biex jagħmillu pjaċir. Kien talbu biex jieħu ħsieb jitlob il-permess tal-Arċisqof biex tinħareġ għall-ewwel darba il-purċissjoni bil-vara tad-Duluri u li fl-aħħar jieħu ħsieb immexxi l-festa tad-Duluri li kienet ferm popolari fil-Hamrun.


*Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra kien miet ħabta u sabta fl-1933, fi tmiem il-purċissjoni bil-vara tad-Duluri fil-parroċċa ta' San Gejtanu li hu stess kien mexxa.*

Dun Gejt Mifsud miet fit-30 ta' Awwissu 1933 u wara li ħaseb għal kollox għal dak li xtaq il-mibki Kappillan, Mons. De Piro mexxa ċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-festa tad-Duluri bil-purċissjoni bil-vara b'kollox. Fl-għeluq tal-purċissjoni kien wasal biex jagħti l-Barka Sagramentali meta f'daqqa waħda waqa' fuq it-taraġ tal-artal maġġur b'ħass ħażin kbir fuqu. Kien intilef minn sensih u malajr għamlulu l-Griżma tal-Morda hemmhekk stess. Imbagħad ittieħed l-Isptar Ċentrali tal-Furjana miet ftit wara. Il-Hamrun kien tilef ħabib ieħor sinċier.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.